



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea  
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 64/22**

il-Lussemburgu, 26 ta' April 2022

Sentenza fil-Kawżi magħquda C-368/20 Landespolizeidirektion Steiermark u  
C-369/20 Bezirkshauptmannschaft Leibnitz  
(Perijodu massimu tal-kontroll fil-fruntieri interni)

**Fil-każ ta' theddida serja għall-ordni pubbliku tiegħu jew għas-sigurtà interna tiegħu,  
Stat Membru jista' jintroduċi mill-ġdid kontroll fil-fruntieri tiegħu ma' Stati Membri  
oħra, iżda mingħajr ma jeċċedi tul totali massimu ta' sitt xhur**

*Huwa biss fil-każ tal-okkorrenza ta' theddida serja ġdida li tista' tiġi ġġustifikata applikazzjoni mill-  
ġdid ta' tali miżura*

Fil-kuntest tal-kriżi migratorja, l-Awstrija introduċiet mill-ġdid kontroll fil-fruntieri tagħha mal-Ungerija u mas-Slovenja minn nofs Settembru 2015. Dan il-kontroll ġie introdott mill-ġdid diversi drabi, filwaqt li huwa ppreċiżat li, għall-perijodu bejn is-16 ta' Mejju 2016 u l-10 ta' Novembru 2017, l-Awstrija bbażat ruħha fuq erba' rakkomandazzjonijiet suċċessivi tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Mill-11 ta' Novembru 2017, l-Awstrija introduċiet mill-ġdid, fuq inizjattiva tagħha stess, kontroll fil-fruntieri għal diversi perijodi suċċessivi ta' sitt xhur.

Minħabba din l-introduzzjoni mill-ġdid, NW kien suġġett għal kontroll fil-punt tal-qsim tal-fruntiera ta' Spielfeld meta kien dieħel, f'Awwissu u f'Novembru 2019, fl-Awstrija mis-Slovenja. Barra minn hekk, ġiet imposta multa ta' EUR 36 fuq NW peress li rrifjuta li jippreżenta l-passaport tiegħu.

Peress li qies li dawn il-kontrolli, kif ukoll il-multa, kienu kuntrarji għad-dritt tal-Unjoni u b'mod partikolari għall-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, NW ippreżenta rikors quddiem il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Steiermark.

Din il-qorti kellha dubji dwar il-punt jekk il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jippermettix lill-Awstrija tintroduċi mill-ġdid, fuq inizjattiva tagħha stess, kontroll fil-fruntieri li jaqbeż tul totali massimu ta' sitt xhur. Hija ddeċidiet għalhekk li tissospendi l-proċeduri quddiema u li tagħmel diversi domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Permezz tas-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja qegħda tfakkar li l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jistabbilixxi l-prinċipju li l-fruntieri bejn l-Istati Membri jistgħu jinqasmu f'kull post mingħajr ma jsiru kontrolli fuq il-persuni, indipendentement min-nazzjonalità tagħhom. Dan jikkostitwixxi waħda mill-kisbiet prinċipali tal-Unjoni, jiġifieri l-istabbiliment ta' spazju ta' moviment liberu tal-persuni, mingħajr fruntieri interni. Għaldaqstant, l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontroll fil-fruntieri interni għandha tkun eċċezzjonali u għandha titwettaq biss bħala l-aħħar soluzzjoni.

Għalhekk, l-ewwel, **il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jippermetti lil Stat Membru, fil-każ ta' theddida serja għall-ordni pubbliku tiegħu jew għas-sigurtà interna tiegħu, jintroduċi mill-ġdid temporanjament kontroll fil-fruntieri tiegħu ma' Stati Membri oħra. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li tali miżura, inkluża kwalunkwe estensjoni eventwali tagħha, ma tistax teċċedi tul totali massimu ta' sitt xhur.**

Fil-fatt, il-leġiżlatur tal-Unjoni qies li perijodu ta' sitt xhur kien suffiċjenti sabiex l-Istat Membru kkonċernat jadotta, jekk ikun il-każ b'kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra, miżuri li jippermettu li tiġi affaċċjata tali theddida filwaqt li jiġi ppreżervat, wara dan il-perijodu ta' sitt xhur, il-prinċipju ta' moviment liberu.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża madankollu li **l-Istat Membru jista' japplika mill-ġdid tali miżura, anki direttament wara t-tmiem tal-perijodu ta' sitt xhur, meta jkun affaċċjat b'theddida serja**

**ġdida li taffettwa l-ordni pubbliku tiegħu jew is-sigurtà interna tiegħu**, li hija distinta minn dik inizjalment identifikata, fatt li għandu jiġi evalwat fid-dawl ta' ċirkustanzi u avvenimenti konkreti.

It-tieni, fil-każ ta' ċirkustanzi eċċezzjonali li jipperikolaw il-funzjonament globali tal-ispazju Schengen, il-Kunsill jista' jirrakkomanda lil Stat Membru wieħed jew iktar l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontroll fil-fruntieri interni tagħhom, u dan għal perijodu massimu ta' sentejn.

Anki wara t-tmien ta' dawn is-sentejn, l-Istat Membru kkonċernat jista', meta jkun affaċċjat b'theddida serja ġdida għall-ordni pubbliku tiegħu jew għas-sigurtà interna tiegħu u meta jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet kollha previsti mill-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, direttament jintroduċi mill-ġdid kontrolli għal tul totali massimu ta' sitt xhur.

**F'dan il-każ, jidher li, mill-10 ta' Novembru 2017**, li hija d-data ta' skadenza tal-aħħar waħda mill-erba' rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, **l-Awstrija ma wrietx l-eżistenza ta' theddida ġdida**, b'tali mod li ż-żewġ miżuri ta' kontroll li NW kien suġġett għalihom kienu inkompatibbli mal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, ħaġa li għandha madankollu tiġi vverifikata mill-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Steiermark.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li **persuna ma tistax tkun obbligata, taħt piena ta' sanzjoni, tippreżenta passaport jew karta tal-identità mad-dñul tagħha minn Stat Membru ieħor, meta l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontroll fil-fruntieri tkun kuntrarja għall-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.**

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-[test sħiħ tas-sentenza u s-sunt](#) jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☐ ☎ (+32) 2 2964106*